MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 314/2007

**Euroshops Limited (C33889)**

**Vs**

**Pierre u Joan konjugi Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta` April, 2007, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, u hames mitt lira (Lm1,500) rapprezentanti ammont dovut ghal kunsinna ta` oggetti ta` merkanzija.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 14 ta` Novembru, 2006 u ta` l-ittra ufficcjali ai termini ta` l-artikolu 166A tal-Kap 12 datata 25 ta` Jannar, 2007 u bl-imghax dekorribbli min-notifika ta` l-ewwel ittra ufficcjali hawn imsemmija kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuti ghalkemm legalment notifikati baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-11 ta` Mejju, 2007, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nuqqas ta` kontestazzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront tat-talba attrici kif dedotta f'dan l-avviz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' elf, u hames mitt lira (Lm1,500) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-ittra ufficcjali tal-14 ta` Novembru, 2006 u bl-ispejjes kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------